


# F'Għeluq il-Mitt Sena mid-diżgrazzja tan-Nar li ġrat f'Ħal Balzan fl-1903



Kitba ta'

Carmel Bezzina
B.A., M.A., M. Ed. Couns. (Bristol),
Dip. Sch. Couns.

Meta nżuru ċ-ċimiterju tal-Parroċċa tagħna, fil-wied ta' Ħal Balzan, żgur li tolqotna lapida mwaħħla mal-ħajt fuq in-naħa tax-xellug hekk kif nersqu lejn il-kappella. Din l-irħama twaħħlet fit-22 ta' Ottubru 1953, bl-inizjattiva tal-Każin 'San Gabriel', sabiex tfakkar ġrajja ta' qsim il-qalb li kienet laqtet lir-raħal ħamsin sena qabel. Din is-sena jaħbat għeluq il-mitt sena minn din il-ġrajja li ħalliet warajha l-mewt ta' sitta min-nies.

Kien il-Ħamis, 22 ta' Ottubru 1903, għall-ħabta tat-tmienja ta' filgħaxija. Kulħadd tista' tgħid kien miġbur f'daru. Fir-raħal kien kollox skiet, għajr għall-Każin 'L'Annunziata', li dak iż-żmien kien l-uniku każin f'Ħal Balzan, fejn kien għad hemm xi rġiel iqattgħu siegħa żmien: uħud kienu qed jaqraw, oħrajn jilagħbu l-karti, filwaqt li oħrajn kienu medhijin jaħdmu l-bombi u l-murtali għall-festa.[1] Fid-daqqa u l-ħin, bla ma ħadd intebaħ kif u l-għala, it-taħlita tal-putassa li kellhom f'idejhom ħadet in-nar u tajret kulm'hemm. Instemgħet splużjoni qawwija li riegħdet u heżżet id-djar kollha ta' Ħal Balzan, u li nħasset saħansitra mill-irħula tal-qrib. L-isplużjoni kienet hekk kbira li wħud ħasbu li nfetħu bwieb is-sema u li xxaqqet l-art u wasal l-aħħar tad-dinja – hekk iddeskriviet il-ġrajja *The Daily Malta Chronicle* tas-Sibt, 24 ta' Ottubru 1903.

Il-Balzanin kollha ħarġu minn djarhom jaraw x'ġara: "ir-raħal kollu qam ta' taħt fuq, kulħadd jiffolla biex jara x'ġara, kulħadd ifittex lil uliedu, lil żwieġu, lil ħbiebu."[2] Bdew ġejjin ukoll nies mill-irħula ġirien tagħna. Mit-triq ta' quddiem il-knisja, għax hemm kien il-Każin 'L'Annunziata', imiss sewwasew mad-dar tal-kappillan, dehret tielgħa sħaba sewda ta' trab u duħħan li bdiet tinfirex fuq ir-raħal kollu. Il-każin kien sar ħerba. Iżda x'kien sar minnhom dawk l-irġiel li kienu ġewwa l-każin? Żgur li ħsieb il-Balzanin kien fihom. Ma' l-isplużjoni, dawn l-irġiel ilkoll għamlu ħilithom sabiex jiġru lejn il-bieb ta' barra: uħud irnexxielhom joħorġu qawwijin u sħaħ, oħrajn weġġgħu ħafif. Raġel minnhom, l-isplużjoni sabbtitu mal-koxxa tal-bieb, iżda rnexxielu jeħlisha.[3]




Ma ħelsuhiex, iżda, dawk li kellhom f'idejhom it-taħlita tal-putassa. Dawn kienu tlieta min-nies, li għandna naħsbu kienu fuq ġewwa nett tal-każin. L-isplużjoni ġrat hekk f'tebqa ta' għajn li ma tathomx ċans joħorġu, u baqgħu hemm mirduma;

magħhom intradam ukoll ieħor li kien f'kamra oħra. Dawn l-imsejkna kienu Valent Debono ta' 47 sena, Antonju Falzon ta' 28 sena, Pawlu Muscat ta' 27 sena, u Ġużeppi Muscat ta' 16-il sena. Skond ir-rapport ta' *The Daily Malta Chronicle*, il-kadavru ta' dan ta' l-aħħar sabuh l-għada, il-Ġimgħa, fl-4.30 pm. Vittma oħra ta' l-isplużjoni kien Piju Muscat ta' 16-il sena, li sabuh għaxi u miet id-dar tiegħu Ħal Balzan l-għada wara nofsinhar fit-3.30 pm.[4]

In-nies li marru jagħtu l-għajnuna fis daħlu fil-każin nofsu mwaqqa', u wara ħafna sogru u taħbit irnexxielhom jaqilgħu l-iġsma sfigurati ta' l-erba' vittmi minn taħt ħafna ġebel u terrapien. Il-ġisem ta' wieħed minnhom kien kważi maħruq għal kollox.[5] Hawn jissemma b'tifħir is-suprintendent Curmi tal-pulizija li, tgħidilna l-gazzetta *Malta Tagħna*, "wara ftit kien fil-lok tad-diżgrazzja, u wera tassew kuraġġ u enerġija bl-ordnijiet li għaraf jagħti, u sa medd idejh hu wkoll u xejn ma beża' mill-periklu."[6] Skond *The Daily Malta Chronicle*, dan is-suprintendent ta eżempju lin-nies tar-raħal għall-kuraġġ li wera meta rnexxielu jidħol fil-bini mwaqqa' minn gallerija. Jissemmew ukoll il-pulizija tad-distrett li malajr waslu fil-post u għamlu dak kollu li setgħu. Ir-rapport ta' l-istess gazzetta jsemmi wkoll wieħed Ingliż li, għalkemm ismu ma nafuhx, "*his deeds will not be forgotten by the good people of Balzan.*"[7] Ma naqsux li jagħtu l-għajnuna tagħhom ukoll in-nies tar-raħal ġar tagħna, Ħal Lija. "In-nies ta' Ħal Lija donnhom kienu lesti biex imiddu idejhom. Għalhekk kulħadd ġirja waħda lejn Ħal Balzan, u kulħadd beda jmidd idejh sabiex jiġu meħlusin dawk id-diżgrazzjati li kienu hemm mirdumin."[8]

It-traġedja ma tiqafx hawn. L-isplużjoni għamlet ħsara wkoll liż-żewġt idjar li kienu jmissu mal-każin u li waħda minnhom, dar b'sular wieħed, kienet tal-kappillan, li dak iż-żmien kien il-mibki Dun Amabile Sisner (1854-1923). Ma' l-isplużjoni, xi ġebel mis-saqaf tal-każin waqa' fuq il-bejt tal-kappillan, iġġarrfet parti mis-saqaf, u waħda minn ħutu l-bniet, Konċetta Sisner ta' 46 sena,[9] baqgħet mejta. Dak il-ħin kienet qiegħda thit.[10] Oħtu l-oħra, Rożina ta' 39 sena, weġġgħet gravi, "iżda tfiq ma ddumx, u ma mititx għaliex kienet imwarrba minn dik in-naħa," tgħidilna l-*Malta Tagħna*.[11] B'xorti tajba, il-kappillan ma ġralu xejn, minkejja li ma kienx bogħod wisq minn ħutu,[12] "iżda bil-qatgħa u l-għali tad-diżgrazzja, jinsab iġib ħniena 'l kull min jarah."[13]

In-naħa l-oħra tal-każin kien hemm stalla u mezzanin, proprjetà ta' Ġ. Muscat. Dawn theżżu u niżlu xi soqfa wkoll. Taħthom intradmet Annunzjata Muscat ta' 45 sena, li ħelsitha b'miraklu wara li żewġha rnexxielu joħrogħa minn taħt it-terrapien. Hija ġarrbet ġrieħi f'daharha u f'sidirha.[14]

Minbarra Annunzjata Muscat u Rożina Sisner, insibu għadd ta' nies oħra li ntlaqtu f'din id-diżgrazzja. Fost dawk li ndarbu, jissemmew Franġisku Muscat ta' 15-il sena, Baskal Muscat ta' 16-il sena, Ġużeppi Tanti ta' 23, Karmnu Sammut ta' 40 sena, Ġużeppi Sammut ta' 25, u Karmnu Sammut ieħor ta' 15-il sena.[15]

Mingħajr telf ta' żmien, il-vittmi li nstabu u dawk li ndarbu gravi malajr ittieħdu lejn l-Isptar Ċentrali fil-Furjana sabiex jingħataw il-kura meħtieġa. Il-mejtin saritilhom l-awtopsja s-Sibt filgħodu mill-Maġistrat Dr. G.B. Mifsud. L-istess maġistrat, l-għada tal-każ, fetaħ inkjesta sabiex jistħarreġ sewwa l-kawżi ta' din id-diżgrazzja[16] li, kif qalet il-gazzetta *Il-Poplu Malti* tas-Sibt, 24 ta' Ottubru 1903, "bħalha ma niftakru qatt li nstemgħet f'Malta."

Il-Ġimgħa, 23 tax-xahar, eluf ta' nies minn kull rokna ta' Malta bdew ġejjin Ħal Balzan sabiex jaraw il-post tad-diżgrazzja.[17] Iżda għall-Balzanin kien jum ta' luttu, jum li fih id-dell tal-mewt kien jinħass tqil fuq ir-raħal kollu. L-għada, is-Sibt, sar il-funeral ta' dawn il-vittmi msejkna. Fl-għaxra ta' filgħodu ndifnet Konċetta Sisner fil-qabar tal-familja fiċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata. Kienu preżenti għall-funeral bosta qraba u ħbieb. Siegħa wara, ħames twiebet dehru ħerġin fuq l-idejn mill-kamra mortwarja ta' l-Isptar Ċentrali fost il-biki u l-ilfiq ta' ħafna qraba u ħbieb. Għall-ħabta tal-ħdax, il-ħames karrijiet bl-iġsma fuqhom bdew jitħarrku bil-mod il-mod fi triqthom lejn Ħal Balzan. Warajhom kien hemm għadd kbir ta' karozzini u nies oħra li ħadu sehem fil-funeral bil-mixi. Dan kien "*a strangely solemn and singularly sad funeral*", skond *The Daily Malta Chronicle* tat-Tnejn, 26 ta' Ottubru.[18]

Hekk kif qorbu lejn ir-raħal bdew jinstemgħu t-tokki kiebja tal-qniepen ġejjin mill-Knisja Parrokkjali ta' l-Annunzjata. It-triq il-kbira u z-zuntier tal-knisja kienu maħnuqa b'folol ta' nies. Ħal Balzan kollu ħareġ bi ħġaru sabiex isellem għall-aħħar darba lil dawn ulied ir-raħal li ħallew ħajjithom iħabirku għall-festa għażiża tal-Lunzjata. Malli l-funeral rifes ir-raħal kien hemm xeni ta' qsim il-qalb li bil-mod tiddeskrivihom bil-kitba: "*a sight of sadness was presented which is more easily imagined than described.*"[19] Hekk kif it-twiebet iddaħħlu fil-knisja, saret quddiesa solenni *praesente cadavere* u wara saret id-difna fl-istess knisja. Antonju Falzon u Ġużeppi Muscat indifnu fil-qabar numru 78, Pawlu Muscat u Valent Debono fin-numru 79, u Piju Muscat ġie midfun fil-qabar 31.[20]

Għar-raħal, din id-diżgrazzja ma kinitx tfisser biss it-telfa ta' ħames żgħażagħ fl-aħjar tagħhom. Kienet tfisser ukoll li ħames familji jew iktar kienu se jbatu l-ġuħ fi żmien meta kien għad hawn ħafna

faqar fil-pajjiż u l-għajnuna soċjali li għandna llum kienet għadha 'l bogħod ħafna. Biex tagħqad, fost dawk li tilfu ħajjithom jew li ndarbu serjament kien hemm uħud li kienu rġiel tal-familja. Għaldaqstant fir-raħal beda jsir ġbir għall-familji tal-vittmi, u l-kappillan Sisner kien minn ta' quddiem nett li ta l-għajnuna tiegħu.

Barra dan, il-Banda Ċittadina 'La Valette' fuq l-inizjattiva tal-president tagħha l-avukat Ġ. Adami, ġietha l-idea sabiħa li tagħmel kunċert mużikali li d-dħul tiegħu kellu jmur għall-familji tal-vittmi tad-diżgrazzja ta' Ħal Balzan. Il-kumitat approva unanimament din il-proposta.[21] Il-*Malta Tagħna* faħħret l-idea u qalet li hija: "Ħaġa sabiħa u ta' min jgħinha tassew."[22] Il-programm sar fil-ġonna ta' l-Argotti nhar il-Ħadd, 15 ta' Novembru 1903. Id-dħul kien ta' 27 lira sterlina, li kienet somma sabiħa għal dak iż-żmien.[23]

Haqqha tifħir ukoll il-kumpanija teatrali 'L-Indipendenza' li l-Ħadd ta' wara, 22 ta' Novembru, għamlet reċta sabiħa fit-Teatru Manoel sabiex tgħin lill-familji Balzanin. Is-sur Arpa, sid il-Manoel, ta s-sehem tiegħu wkoll billi offra b'xejn it-teatru, u s-sinjuri Cousis u Lapira ma naqsux li jgħinu wkoll: ta' l-ewwel ta b'xejn il-programmi, u l-ieħor il-parrokki. B'hekk kien hemm profitt ta' 22 lira, 13-il xelin, u 9 soldi, li s-sur Arpa ppreżentahom lill-kappillan Sisner.[24]

Ma naqsux li jgħinu lill-familji tal-vittmi Balzanin il-każini u l-poplu ta' Ħal Lija. Għal dan l-għan, ġew inkarigati s-sur Luigi Agius u s-sur Luigi Engerer, li tħabtu kemm felħu biex issir ġabra tajba. Skond nota li bagħat lill-gazzetta *Malta Tagħna* s-sur Luigi Engerer, b'kollox inġabret is-somma ta' 7 liri, imqassma hekk: mill-Casino Liense (lira), il-Casino Ssmo Salvatore (15-il xelin), il-Casino San Andrea (10 xelini), il-Filarmonika Fior d'Arancio (5 xelini), u mill-poplu (4 liri u 10 xelini).[25] Dawn il-flus ġew ikkunsinjati lill-kappillan ta' Ħal Balzan "biex hu jqassamhom lil min l-aktar għandu bżonn." Preżenti għal din l-okkażjoni kien hemm ukoll il-prokuratur tal-Knisja, is-sur Luigi Cauchi.[26] Turija sabiħa ta' solidarjetà f'mumenti ta' tbatija.

Din id-diżgrazzja li ġrat fir-raħal tagħna ħarġet fid-dieher diversi abbużi li kien hawn fix-xogħol tan-nar fl-ibliet u l-irħula tagħna, kif ukoll in-nuqqas ta' leġislazzjoni serja f'dan ir-rigward. Kitba fil-gazzetta *Malta* tal-Ġimgħa, 23 ta' Ottubru 1903, intitolata "*Gli esplosivi*", titkellem dwar l-abbużi min-nar li kienu jsiru bl-iskuża tal-festi reliġjużi. Il-kitba tirreferi speċifikament għad-diżgrazzja tal-jum ta' qabel li kienet seħħet f'Ħal Balzan, bil-mejtin u l-feruti li kienet ħalliet warajha. "*E ciò tutto è dovuto alla mania di preparare bombe, mortaletti, razzi, accidenti, per la festa della Parrocchia, e perchè la festa di Casal Balzan superi quella di Casal Attard, di Birchircara, e di altri casali circonvicini.*"[27] It-traġedja ta' Ħal Balzan terġa' tissemma fil-ħarġa ta' l-għada ta' l-istess gazzetta, fejn jingħad li l-Maltin għandhom ċerti drawwiet li, "*oltre a non essere del tutto commendevoli, sono anche pericolose e rovinose.*" Il-ġurnal ma jikkundannax il-festi Maltin – "*Le feste dei villaggi, lo comprendiamo, hanno la loro poesia, e non saremo certamente noi a condannarle...*" – però jfakkar li l-aktar parti importanti tal-festa "*è dentro il recinto del Tempio, dove la fede, ravvivandosi, innalza il cuore agli ideali più sublimi – al nostro Padre che sta nei Cieli.*"[28]

Il-każ ta' Ħal Balzan jidher li beda jqajjem kuxjenza dwar ix-xogħol tan-nar f'postijiet abitati. Artiklu f'*The Daily Malta Chronicle* tat-Tlieta, 27 ta' Ottubru, jisħaq fuq il-ħtieġa ta' kontrolli u spezzjonijiet biex dak li ġara fir-raħal tagħna ma jerġax isir. Milli jidher, il-pulizija diġà kienet bdiet tieħu xi passi. Fil-fatt, skond dan l-istess artiklu, diġà kienu nqabdu mill-pulizija tlett elef bomba mill-Furjana biss, u l-pulizija kellha ħjiel ta' qabdiet oħra.[29] Skond nota fil-*Malta Tagħna*, il-każ tal-Furjana ġara għand wieħed Montesin, li ssekwestrawlu tlett elef bomba u oġġetti oħra tan-nar li kellu merfugħin f'kamra ta' kerrejja. Ressquh malajr quddiem il-maġistrat u weħel 10 xelini u ħadulu n-nar kollu li kellu.[30]

Milli jidher, ħafna dilettanti kellhom id-drawwa li jaħdmu n-nar fi djarhom, b'periklu kbir għalihom u għall-ġirien. L-artiklu tal-*Malta Chronicle* iħeġġeġ lill-qarrejja sabiex jgħinu lill-pulizija fil-ħidma tagħha u jirrappurtaw każi ta' xogħol tan-nar li jkun qed isir fil-moħbi. Il-kittieb isostni li m'huwiex kontra n-nar, imma li dan għandu jkun regolat biex jitnaqqas ir-riskju ta' xi diżgrazzja. Għaldaqstant iħeġġeġ sabiex in-nar jibda jinħadem f'postijiet liċenzjati mill-pulizija u taħt is-superviżjoni tagħhom.[31] U l-istess gazzetta, fil-ħarġa tagħha tat-Tnejn, 2 ta' Novembru, tissuġġerixxi li biex wieħed ikun jista' jixtri sustanzi kimiċi ta' splussivi jeħtieġ li jkollu l-permess bil-miktub tal-pulizija.[32]

Anke l-*Malta Tagħna*, fir-rapport li diġà rreferejna għalih, tagħmel appell imqanqal lill-pulizija sabiex tieħu l-biċċa f'idejha, u b'mod immedjat. Ma tissuġġerixxix li n-nar jinqata', iżda "li ma jistax jinżamm u jinħadem fl-abitat xogħol tan-nar, u lanqas ma jistgħu jaħdmuh nies li ma jkunux tas-sengħa; u ssir liġi li min jinqabad ikun ikkundannat kif imiss." Tissokta tappella lill-pulizija sabiex "tagħmel tfittxija sewwa anke fuq il-kampnari tal-knejjes, fil-każini, u fejn ikollha suspett li hemm il-porvli, għax impossibbli li

f'daqsxejn ta' raħal ma kinitx taf li fil-każin qiegħed jinħadem ġiġġifogu."[33]

Naturalment, f'dawn il-mitt sena li għaddew minn din id-diżgrazzja, is-sitwazzjoni marret ħafna għall-aħjar, għall-grazzja ta' Alla. Mhux biss saru ħafna liġijiet li jipproteġu mhux biss lid-dilettanti u 'l dawk li jaħdmu n-nar imma wkoll lill-poplu in ġenerali. Barra dan, sar hawn ħafna aktar professjonaliżmu fix-xogħol tan-nar u, b'riżultat ta' dan, id-diżgrazzji naqsu ħafna. Nittamaw ukoll li min jaħdem f'dan il-qasam jieħu dejjem il-prekawzjonijiet meħtieġa ħalli jkollna inċidenti mill-inqas.

Filwaqt li tkun ħaġa xierqa li f'Ottubru ta' din is-sena l-Parroċċa tfakkar b'xi mod din il-ġrajja, tajjeb li meta nżuru ċ-ċimiterju tagħna niftakru fit-talb tagħna f'dawn il-vittmi msejkna meta nilmħu dik l-irħama li fuqha hemm minquxa ismijiethom.

**Riferenzi**

1 *The Daily Malta Chronicle*, 24 Ottubru 1903, p.2.
2 *Malta Tagħna*, 31 Ottubru 1903, p.1.
3 *The Daily Malta Chronicle*, 24 Ottubru 1903, *op.cit.*, *loc.cit.*
4 *Ibid.*
Billi l-etajiet tal-mejtin ivajraw minn gazzetta għal oħra, għall-eżattezza ġew ikkonsultati r-reġistri tal-magħmudija tal-parroċċa. Minn dawn ir-reġistri nafu li Valent Debono, bin Salvu u Marija, imwielda Grima, twieled nhar id-19 ta' Ġunju 1856 (*Liber IV*, paġna 19); Antonju Falzon, bin Salvu u Vitorja, imwielda Scerri, twieled fl-10 ta' Mejju 1875 (*Liber IV*, paġna 11); Pawlu Muscat, bin Ġużeppi u Anunzjata, imwielda Stivala, twieled fit-2 ta' Diċembru 1876 (*Liber IV*, paġna 203); Ġużeppi Muscat, bin Baskal u Karmela, imwielda Sammut, twieled fl-10 ta' Ġunju 1887 (*Liber V*, paġna 10); Piju Muscat, bin Valent u Elena, imwielda Falzon, twieled nhar it-30 ta' April 1887 (*Liber V*, paġna 9).
5 *Malta*, 23 Ottubru 1903, p.3.
6 *Malta Tagħna*, 31 Ottubru 1903, *op.cit.*, *loc.cit.*
7 *The Daily Malta Chronicle*, 24 Ottubru 1903, *op.cit.*, *loc.cit.*
8 *Malta Tagħna*, 31 Ottubru 1903, *op.cit.*, p.3.
9 Marija Konċetta Sisner, bint Ġużeppi u Karmela, imwielda Cristina, twieldet Bormla nhar it-13 ta' Marzu 1857 (*Reġistru tal-Magħmudija Nru. XVI*, paġna 415, Parroċċa Kolleġġjata ta' Bormla). Il-gazzetta *The Daily Malta Chronicle*, b'mod żbaljat, tgħid li Marija Konċetta Sisner kellha 20 sena.
10 *Malta Tagħna*, 31 Ottubru 1903, *op.cit.*, p.1.
11 *Ibid.*
12 *The Daily Malta Chronicle*, 24 Ottubru 1903, *op.cit.*, *loc.cit.*
13 *Malta Taghna*, 31 Ottubru 1903, *op.cit.*, p.1.
14 *Malta*, 23 Ottubru 1903, *op.cit.*, *loc.cit.*
15 *Ibid.*
16 *The Daily Malta Chronicle*, 24 Ottubru 1903, *op.cit.*, *loc.cit.*
17 *Ibid.*
18 *The Daily Malta Chronicle*, 26 Ottubru 1903, p.2.
19 *Ibid.*
20 Reġistru Parrokkjali, Parroċċa ta' Ħal Balzan – *Liber Defuncti IV.*
21 *Malta*, 29 Ottubru 1903, p.2.
22 *Malta Tagħna*, 7 Novembru 1903, p.4.
23 *Il-Poplu Malti*, 21 Novembru 1903.
24 *Ibid.*, 5 Diċembru 1903.
25 *Malta Tagħna*, 7 Novembru 1903, *op.cit.*, p.4.
26 *Ibid.*, 31 Ottubru 1903, *op.cit.*, p.3.
27 *Malta*, 23 Ottubru 1903, *op.cit.*, p.3.
28 *Ibid.*, 24 Ottubru 1903, p.2.
29 *The Daily Malta Chronicle*, 27 Ottubru 1903, p.2.
30 *Malta Tagħna*, 31 Ottubru 1903, *op.cit.*, p.1.
31 *The Daily Malta Chronicle*, 27 Ottubru 1903, *op.cit.*, p.2.
32 *Ibid.*, 2 Novembru 1903, p.2.
33 *Malta Tagħna*, 31 Ottubru 1903, *op.cit.*, p.1.

**Nota:** Artiklu dwar din id-diżgrazzja, għalkemm inqas dettaljat, inkiteb mill-istess awtur u ġie ppubblikat fil-gazzetta *Ħal Balzan*, Numru 13, Settembru-Ottubru 1973, p.4, f'għeluq is-sebgħin sena minn din il-ġrajja.